## Attivitajiet għax-xahar ta' Ġunju

**Il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju: 8.30 p.m**. Project House, Floriana. Illum se nagħmlu games – Staqsini Għoxrin, immexxija minn Maria. It-tim rebbieħ jingħata....l-prosit!

**Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju: 8.30 p.m.** Project House, Floriana. Birthday Celebrations. Peress li l-aħħar laqgħat għandna attivitajiet oħra li d-data tagħhom ma tistax tiċċaqlaq kellna nressqu l-birthday celebrations 'il quddiem u se niċċelebraw il-birthdays ta' dawk li għalqu sninhom f'Ġunju llum. Din hi l-aħħar darba qabel is-sajf li l-birthday celebrations se jkunu ġo Project House. Prezz €7 bħas-soltu. Booking ma' Maria Borg Mob. No. 99271981.

**Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju: 8.30 p.m**. Project House, Floriana. Illum Fr. Saviour se jiċċelebra quddiesa għal żewġ okkażjonijiet, Father's Day u Widows' and Widowers' Day. Nitolbu għall-missirijiet kollha – ħajjin u mejtin u għar-romol kollha tad-dinja li ħafna minnhom qed ibatu tbatija kbira.Jekk jogħġobkom ejjew fil-ħin għax mhix etika niġu f'nofs quddiesa u nitfu l-mobiles. Għall-okkażjoni ta' Jum il-Missier illum ukoll se nagħtu rigal lil missirijiet kollha preżenti. Se ntellgħu ukoll raffle biex ngħinu lill-grupp.

**Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju: 8.30 p.m.** Project House, Floriana. Illum il-pittur Paul Fenech se jagħtina taħdita u dimostrazzjoni fuq il-pittura. Nispera li ssibuha interessanti. Wara l-laqgħa se ssir ġabra biex, min irid, jagħti xi ħaġa għad-donation li se ssir għal Dar Frate Jacopa ta' Fr. Mark ġo Wied il-Għajn li tilqa' fiha ġuvintur abbandunati u bla kenn.

**Il-Ħadd 28 ta' Ġunju: 12.00 p.m**. Ikla fis-Seabank Hotel fl-okkażjoni ta' Jum ir-Romol. Buffet lunch li jiswa €26 inkluż free flowing drinks, inbid, kafe' u deżerta. Il-prezz Għall Membri Biss huwa ta' €21 għax se jissussidjah il-grupp. Nies oħra li jiġu magħkom u ma ħallsux il-membership fee huma welcome imma jħallsu l-prezz normali ta' €26.

Niltaqgħu ħdejn is-Seabank f'nofsinhar jew jekk jirnexxielna ngħaqqdu minibus minn ħdejn l-Education il-Furjana fil-ħdax u kwart (11.15 a.m.). Booking għall-ikla u l-vann ma' Connie Azzopardi, mob. No. 99265819.




Volum 19 Harga 5 Gunju/Lulju 2015

Għeżież ħbieb,

Diġa' għaddiet nofs is-sena u baqagħlna biss xahar niltaqgħu ġo Project House. Imbagħad kif tafu nibdew niltaqgħu barra. Dan ix-xahar għandna ħafna okkażjonijiet interessanti fosthom il-Father's Day nhar il-21 ta' Ġunju u Widow's Day nhar it-23 ta' Ġunju. Għal dawn l-okkażjonijiet se nagħmlu xi attivitajiet fil-grupp. Għalhekk nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju se nagħmlu quddiesa ma Fr. Saviour u se nagħtu rigal lill-missirijiet kollha. Għal Widows' Day se mmorru għall-buffet lunch ġos-Seabank. Ċerta li nieħdu gost.

Wara votazzjoni mill-membri ġie deċiż li d-donazzjoni għal Jum ir-Romol se tibqa' tingħata. Din is-sena se tingħata lil Dar Frate Jacopa li tiġbor fiha u tagħti kenn u formazzjoni lil ġuvintur abbandunati jew imkeċċija mid-dar. Hija ħaġa sabiħa li f'dan il-jum naħsbu f'nies oħra li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Nirringrazzjakom mill-qalb. Kif miftiehem id-donazzjoni se tkun ta' €300 mill-fondi tal-grupp, pero' se nagħmlu ġabra Volontarja over and above. Min jogħġbu jagħti xi ħaġa oħra personali jkun jista'.

Għandna attivitajiet sbieħ ukoll għal-Lulju fosthom Comino by Night, Birgu by Night u l-BBQ f'dar Frate Jacopa. Min irid jiġi għall-attivitajiet jibbukkja mal-persuni konċernati u jaħseb kmieni. Fit-tlett xhur tas-Sajf bħal ma tafu nibdew niltaqgħu kull ħmistax flok kull ġimgħa għax kulħadd ikollu aktar impenji fis-Sajf. Barra minn hekk in-newsletter se toħroġ kull xahrejn għalhekk in-newsletter ta' Ġunju tinkludi wkoll l-attivitajiet ta' Lulju.

Nixtieq infakkarkom biex nitolbu għal xulxin u nagħtu s-sapport tagħna lil membri li għandhom bżonn sapport speċjali bħalissa. Nirringrazzja lill-membri tal-kumitat u lill-membri kollha tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom.

Dejjem tagħkom,
*Maria*

**Attivitajiet għax-xahar ta' Lulju**

F'dan ix-xahar jibdew l-attivitajiet ta' barra u sa Ottubru ma niltaqgħux aktar Project House minħabba s-sħana.

**Is-Sibt 4 ta' Lulju**: Illum se mmorru Comino by Night fuq il-vapur "English Rose" ma Sandro. Din il-ħarġa dejjem ħadna gost u nispera li din is-sena nieħdu gost ukoll. Ikollna l-ġita għal-Kemmuna, barbecue (li dejjem intgħoġob) ċans ngħumu u niżfnu! Ikollna wkoll id-disko!

Prezz għal-Kemmuna €20 (ma jinkludix servizz tal-minibus). Booking diġa' fetaħ u flus jinġabru mal-booking. Booking ma' Mark Farrugia Mob. No. 99452005. Mal-booking għidulna jekk se tużaw is-servizz tat-trasport minn ħdejn l-Education Floriana jew le.

**Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju:** Illum se nagħmlu Birgu by Night mas-Sur Joseph Farrugia. Niltaqgħu jew il-Birgu ħdejn il-Monument tal-Ħelsien fis-7.30 p.m jew ħdejn l-Education fis-7.00 p.m. għall-private. Se norganizzaw private mill-Furjana jekk ikollna booking biżżejjed. Prezzijiet aktar tard. Wara d-dawra mal-Birgu mmorru nitrejqu f'xi bar jew Restaurant fil-Birgu stess. Booking għall-Private u għall-ikel ma Maria Borg mob. No. 99271981

**Is-Sibt 25 ta' Lulju:** Illum se niċċelebraw il-Birthdays ta' dawk li għalqu sninhom f'Lulju. Ħa mmorru Dar Frate Jacopa, Wied il-Għajn, fejn se nagħmlu Buffet Night għall-prezz ta' €16, inkluż free flowing drinks u ilma. Booking ma Mark Farrugia Mob. No. 99452005.

**Avviz Importanti**

**Seminar dwar l-Ambjent ma' Father Mark, nhar il –Ħadd 14 ta' Ġunju fid-disgħa u nofs (9.30 a.m.)**

**Post – Dar Frate Jacopa, Wied il-Għajn (ħdejn il-family fun park)**

**Ikun hemm quddiesa u seminar. Entratura bla ħlas. Min irid jiekol hemm jista' jagħmel hekk għall-prezz ta' €7**

**Booking ma' Maria Borg Mob. No. 99271981**




**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**